MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 653/2006

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**Kevin Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Lulju 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn hamsa u erbghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm245.81) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2007, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn hamsa u erbghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm245.81), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------